**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 55 – IT-TNEJN, 19 TA' OTTUBRU 2015 FIL-5.30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |

Assenti

| | |
|---|---|
| Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 54

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti.

1.2 Is-Sur Etienne Bonello DuPuis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti li joħorġu mill-Minuti 54

2.1 Rigward paragrafu 4.2, ġie deċiż li tintbagħat reminder lir-Reġjun Ċentru u lill-TM

2.2 Rigward paragrafu 4.3, kien hemm diskussjoni fuq il-booking tal-wardens TMS. Ġie deċiż li tiġi mwaqqfa id-deċiżjoni li l-Kunsill iwwaqqaf dan is-servizz minħabba li mhux qed jiġi kkumpensat. Dan minħabba li b'din l-azzjoni l-Kunsill ikun qed jaġixxi mod illegali u jipperikola lin-nies. Għalhekk ġie deċiż li minflok tintbagħat ittra lil LESA biex din il-kwistjoni terġa' tiġi mqajjma għad-diskussjoni.

## 3 Pagamenti Numru 47

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Korrispondenza

4.1 Ġiet innutata korrispondenza mid-DLG rigward in-nuqqas tal-istreaming tal-laqgħat tal-Kunsill. Ġie deċiż li jibdew il-proċeduri biex tinħareġ is-sejħa għal dan is-servizz.

4.2 Ġiet innutata ittra minn Green Malta Project rigward ir-riċiklaġġ ta' skart fil-lokal. Ġie deċiż li ma tiġix aċċettata din il-proposta minħabba li l-Kunsill diġà għandu ftehim ma' kumpanija oħra.

4.3 Kien hemm diskussjoni rigward talba biex issir zebra crossing ġdida fil-parti ta' fuq ta' Triq tas-Sliema. Ġie deċiż li għalissa dan is-suġġeriment ma jiġix aċċettat minħabba li dalwaqt jibda l-proġett tal-Kappara Flyover u jista' jkun li jkun hemm xi tibdil fl-immanniġġjar tat-traffiku.

4.4 Kien hemm diskussjoni rigward talba mill-KAC biex membru minnhom ikun membru fuq il-Bord Editorjali tal-ktejjeb tal-Kunsill il-Ħuġġieġa. Wara li ġie kkonfermat li s-Sur Malcolm Abdilla ma jistax jibqa' fuq il-Bord minħabba raġunijiet ta' xogħol, ġie deċiż li minflok is-Sur Abdilla, jidħol membru tal-KAC.

4.5 Kien hemm diskussjoni rigward talba mill-KAC biex l-1000 Ewro li ntrebħu mill-GreenPak għall-proġetti ambjentali, jintużaw biex iz-zebra crossing fi Triq tas-Sliema u Triq Birkirkara jinqalbu għal solar. Ġie deċiż li dan is-suġġeriment ma jiġix aċċettat peress li ser ikun hemm xogħol infrastrutturali f'dawn it-toroq konnessi max-xogħol tal-Kappara flyover. Ġie deċiż li dawn il-fondi jintużaw għall-embellishment ta' soft area fi Triq tal-Balal ħdejn il-Kappella tal-Propostru.

## 5 Komunikazzjoni mis-Sindku

.

5.1 Kien hemm diskussjoni rigward ilmenti minn residenti fuq skart imħallat mormi mal-iskips tar-riċiklaġġ. Ġie deċiż li ssir expression of interest għal numru ta' CCTV camera mal-iskips u f'postijiet oħra fejn frekwentament jintrema skart. Għandha ssir laqgħa mal-Engineer fuq din.

## 6 Affarjiet Oħra

6.1 Is-Sur Dominic Cassar tkellem fuq il-laqgħa ma' rappreżentant ta' kumpanija li qed joffru prodotti ġodda għal patching ta' toroq. Hu nforma lill-Kunsill li dan ir-rappreżentant għandu jagħmel kuntatt mal-Kunsill biex issir dimostrazzjoni ta' patching fil-lokal.

6.2 Is-Sinjura Joan Farrugia nfurmat lill-Kunsill li l-workshops għat-tfal tal-iskola ma jistgħux ikunu fit-2 ta' Novembru 2015 minħabba li nhar ta' Tnejn ma jkunx miftuħ Palazzo Falson. Is-Sindku għandu jgħaddi n-numru tas-Sinjura Farrugia biex tikkordina dawn il-workshops għat-tfal tal-iskola ma' Palazzo Falson u mal-iskola.

6.2.1 Is-Sinjura Joan Farrugia tkellmet ukoll fuq il-kundizzjoni ħażina ta' Triq il-Fikus.

6.3 Is-Sur Trevor Fenech talab biex isir refreshing tal-marki tat-toroq fi Triq il-Pepprin. Kien hemm qbil fuq din. Hu talab ukoll biex il-final proof tal-fuljett

tal-kunsill, il-Ħuġġieġa jiġi approvat mill-Kunsill qabel ma' jiġi ppubblikat. Ma kienx hemm qbil fuq din minħabba li dak hu l-skop tal-Bord Editorjali.

6.3.1 Is-Sur Trevor Fenech tkellem ukoll fuq it-talba li għamel il-Kunsill għal cameras fi Triq il-Kampanella u Triq in-Naxxar. Għandha tintbagħat itttra lil LESA fuq dawn.

6.4 Is-Sur Mikhail Micallef informa lill-Kunsill fuq il-ħsara li hemm fuq id-dawl taż-zebra crossing ta' Triq Birkirkara. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-kuntrattur diġà ġie nfurmat. Is-Sur Micallef talab ukoll biex il-Kunsill jagħmel aktar pressjoni, milli qed jagħmel, fuq l-awtoritajiet ikkonċernati biex tiġi rranġata l-ħsara fi Triq Birkirkara u Triq San Ġiljan. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-pressjoni saret ma' kull entità in konnessjoni ma' dan il-proġett u morna wkoll fuq il-media li ġejna nfurmati li kellha tkun fuq il-post.

6.5 Is-Sinjura Marica Bayliss ippreżentat erba' kotba għal-librerija għal tfal bi bżonnijiet speċjali. Hi wkoll nfurmat lill-Kunsill li l-gaġġa tal-għasafar fis-soft area ta' Triq R Caruana Dingli hija lesta u jonqos biss li jsir il-passaġġ madwar. Kien hemm qbil fuq dan.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.45pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 2 ta' Novembru 2015 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Etienne Bonello Du Puis** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |